TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**CCT/42/17/S**

*Violet Buhagiar*
*vs.*
*Petroni Limited*

Illum, 22 ta' Frar, 2018.

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ta' Violet Buhagiar ippreżentat fl-20 ta' Frar 2017 kif ukoll ir-Risposta ta' Petroni Limited ippreżentata fit-23 ta' Marzu 2017;

Ra d-dokumenti ippreżentati, sema' lill-partijiet kif ukoll ix-xhieda kollha mressqa u t-trattazzjoni magħmula fis-seduta tas-16 t' Novembru 2017.

Ikkunsidra:

Illi fl-Avviż tat-Talba, ir-rikorrenti talbet li wara li s-soċjeta konvenuta ngħatat tlitt opportunitajiet sabiex issewwi l-magna tal-ħasil in kwistjoni, liema tiswijiet ma sarux, hija kienet qed titlob magna tal-ħasil ġdida. It-Tribunal jinnota li għalkemm is-somma ta' ħames mija u tmien Ewro (€508.00) hija indikata fuq il-paġna ta' quddiem tal-formola tal-Avviż, dan l-ammont ma jissemma' imkien fis-sustanza u lanqas jintalab speċifikament. L-unika talba specifika hija li l-attriċi tingħata magna tal-ħasil ġdida;

Illi fir-Risposta, is-soċjetà konvenuta totalment ċaħdet il-verżjoni tal-attriċi;

Illi fis-seduta tas-27 t'April 2017, it-Tribunal, bi qbil mal-partijiet, ħatar lis-Sur Vincent Ciliberti bħala espert sabiex jeżamina l-magna tal-ħasil u jirrelata dwar jekk kellhiex xi difett jew le;

Illi l-ilment tar-rikorrenti jirrigwarda magna tal-ħasil tad-ditta *Haier* li meta tintuża fuq il-programm "*Rapid Mode*" din kellha tieħu siegħa iżda tispiċċa tieħu siegħa u tlett kwarti;

Illi wara ilment f'dan is-sens lis-soċjetà konvenuta, intbagħat tekniku sabiex jidentifika l-problema u jsewwiha iżda dan ma setax jidentifika jekk kienx hemm xi problema;

Illi din is-sitwazzjoni baqgħet tissussisti anki wara li s-Sur Edwin Petroni (f'isem is-soċjetà konvenuta) bidel il-*motherboard* tal-magna;

Illi wara saħansitra t-tielet żjara li matulha ġie allegat sadd fid-*drain* tal-magna u anki li allegatament il-*filter* ma kienx imwaħħal sewwa, il-problema lamentata mir-rikorrenti baqgħet tissussisti;

Illi s-soċjetà konvenuta qalet li l-ewwel ilment sar madwar sena wara li nxtrat il-magna, li l-*motherboard* mibdula rriżulta li ma kellha xejn ħażin u li kemm-il darba l-magna ħadmet kif suppost fil-preżenza tar-rikorrenti kif ukoll fil-preżenza tat-tekniku mibgħut mis-soċjetà konvenuta;

Illi inoltre, Edwin Petroni (għas-soċjetà konvenuta) xehed li kien informa lir-rikorrenti li hija kienet qed titfa' fil-magna iktar ħwejjeġ milli suppost;

Illi l-espert ikkonkluda, anki wara li ra l-*manual* tal-magna, li l-indikatur diġitali installat fil-magna tal-ħasil kien biss indikatur li jindika f'liema stadju tkun waslet il-ħasla u mhux arloġġ diġitali li jkejjel il-ħin b'mod preċiż;

Illi l-espert ikkonkluda ulterjorment li fl-opinjoni tiegħu, l-indikatur diġitali installat fil-magna tal-ħasil ma kienx arloġġ iżda indikatur li jagħti stima li kienet tiddependi wkoll fuq kemm jitpoġġew ħwejjeġ fil-magna, il-pressjoni tal-ilma u kemm il-ħwejjeġ ikunu maħmuġin, fost fatturi oħrajn;

Illi fix-xhieda orali tiegħu fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2017, l-espert tekniku s-Sur Ciliberti qal li meta staqsa lir-rikorrenti minn fejn ġabet l-idea li ħasla normali kienet iddum siegħa, din wieġbet li dan kien intqal lilha mis-*salesgirl* fix-*showroom*;

Illi fid-dawl tas-suespost kif ukoll fid-dawl tal-fatt li l-partijiet irrimettew irwieħhom għar-rapport, it-Tribunal josserva

li mix-xhieda u mir-rapport, ma jidhirx li t-talba tar-rikorrenti tinsab fis-sod.

*Deċide*

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jiċħad it-talba tar-rikorrenti u Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż konnessi mal-każ jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Richard Sladden Av.
Arbitru